KUNSILL LOKALI PAOLA

*Ref*: 01/7/194/14

**Minuti tal-Laqgħa Nru. 2**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċini amministrattivi, fi Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja, Paola nhar it-Tlieta 2 ta' Ġunju 2015. Il-laqgħa bdiet fil-5.35pm. Għal-laqgħa kienu preżenti s-Sindku Dominic Grima, il-Viċi Sindku Steven Axisa, il-Kunsillier Roderick Spiteri, il-Kunsillier Bernard Sean Lynch, l-Kunsillier Nicholas Seychell, l-Kunsillier Tyrone Muscat u l-Kunsillier Ivan Bartolo.

Kien hemm preżenti wkoll is-Segretarju Eżekuttiv Kurt Scerri.

1. **Minuti**

   1.1. Il-Minuti ġew approvati *nem com.*

2. **Korrispondenza**

   2.1. Memo nr. 11/2015 dwar Skema ta' Restawr ta' Postijiet Storiċi fejn ser isiru xogħolijiet ta' Restawr Finanzjati mill-Gvern. Il-membri iddiskutew numru ta' postijiet li jistgħu jintagħżlu sabiex isir xogħol fuqhom bħal Knisja ta' St. Ubaldeska, l-oqbra Punici u l-Palazz ta' Perellos magħruf bħala l-Kerreja. Is-Segretarju informa lil membri illi ix-xogħol huwa marbut ma' xogħol estern. Is-Sindku qal li x-xewqa ta' kulħadd żgur li hija l-Knisja ta' St. Ubaldeska però din tirrikjedi restawr anke fuq ġewwa u l-ispiża ta' dan ir-restawr tkun waħda għolja. Għaldaqstant il-membri qablu illi għanda issir applikazzjoni sabiex jiġi restawrat il-Kerreja-Palazz Perellos. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni illi jekk fil-post joqogħdu persuni privati għandu jinġieb il-permess mis-sidien.

   2.2. Ittra mingħand is-Sur Raymond Borg sabiex Triq Sammat (in-naħa ta' Palm Street) tiġi *one way* b'mod permanenti. Hawnhekk il-Viċi Sindku qal li hemm bżonn isir ftit studju dwar il-*one ways* li saru sabiex fejn hemm bżonn, isir xi tibdil meħtieġ. Is-Sindku żied li ser jara ma Transport Malta kif jista' isir dan l-eżerċizzju però l-ewwel trid tinfetaħ Triq l-Arkata fil-ħin tal-Monti. Il-membri qablu li qabel tittieħed deċiżjoni għal Triq Sammat l-ewwel issir reviżjoni tal-one ways li kienu ġew introdotti fil-leġislatura preċedenti. Il-Kunsillier Spiteri xtaq iżid illi fil-verità il-one ways għenu biex jiffaċilitaw is-sistemi tat-traffiku fil-lokalita. Il-Kunsillier Seychell issuġġerixxa wkoll, fuq ilmenti tar-residenti, illi Triq is-Sorijiet tibqa two-way sat-Triq Joseph Stivala.

2.3. Ittra mingħand Joseph Herbert li qed jitlob li f'Raħal Ġdid ikun hemm toroq li jissemmew għall-parroċċi (Kristu Re u Lourdes minflok Tramuntana u Brittanja). Is-Sindku qal li kienet sargħet talba simili fil-leġislaturi preċedenti liema talba ma kienitx intlaqgħet. Il-Kunsillier Spiteri qal li meta jinbidel l-isem tat-triq dan joħloq inkonvenjent għar-residenti. Il-Kunsillier Muscat xtaq iżid ukoll li s-Sorijiet ta' Triq Santa Monika jixtiequ li jsemmu it-triq tagħhom (il-parti li ma tinfidx) għall-fundatriċi tagħhom Giannina Cutajar. Il-membri qablu li dawn it-talbiet jitressqu quddiem Street Naming Committee.

2.4. Żewġ talbiet għall-ħsarat li sofrew żewġ sewwieqa fil-vetturi tagħhom. Fid-dawl tad-Direzzjoni mogħtija mil-Bord tal-Goverenanza Lokali u wara li raw li d-dokumenti mitluba huma kollha mressqa, il-membri qablu li l-Kunsill Lokali Paola jagħmel tajjeb għall-ħsara ta' tyre wieħed fiż-żewġ każijiet.

## 3. Risposta tal-Management Letter

3.1. Is-Segretarju ippreżenta ir-risposta tal-Kunsill Lokali Paola għall-maniġment letter ta' l-Awdituri u l-membri iddiskutew l-konklużjonijiet tar-risposta u approvaw id-dokument.

## 4. Kontijiet tal-Bank

4.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil mejda illi wara li fl-aħħar laqgħa sargħet il-ħatra ta' Sindku ġdid huwa kien ħa ħsieb illi s-Sindku elett, is-Sur Dominic Grima ikun firmatarju tal-kontijiet bankarji tal-Kunsill Lokali Paola.

4.2. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri illi l-Kunsill Lokali Paola kellu kont bankarju li rari kien intuża f'dawn l-aħħar snin u li kellu fih bilanċ minimu ħafna. Għaldaqstant fuq parir ta' l-accountant kif ukoll ta' l-awdituri is-Segretarju issuġġerixxa illi dan il-kont jintuża għall-proġetti Ewropej u għalhekk fih ikun jidher ċar id-dħul u l-ħruġ tal-fondi b'rabta ma' l-istess proġetti Ewropej. Il-membri qablu.

## 5. Update Urban Greening

5.1. Is-Sindku informa lil membri illi flimkien mas-Segretarju kien kompla l-ħidma fuq il-fond ta' €30,000 li ingħata sabiex jintefaq f'siġar u pjanti.

5.2. Is-segretarju Eżekuttiv informa lil membri illi wara li analizza il-kwotazzjonijiet li kienu waslu għand il-Kunsill, kien hemm numru ta' siġar aktar x'jinxtraw bl-ammont mogħti u għaldaqstant is-Sindku ippropona siti ġodda għal dawn il-pjanti. Is-Segretarju informa lil membri illi dawn is-siġar iridu jitħawlu mill-aktar fis. Il-membri qablu.

## 6. <u>Tenders</u>

6.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri illi kif kien maqbul f'Jannar 2014 il-Kunsill Lokali Paola kompla għaddej bix-xogħol fuq it-tender li ħareġ flimkien mal-Kunsill Lokali tal-Fgura b'rabta mas-Street Lighting. Għal dan it-tender kien hemm offerta waħda dik ta' *Nexos Lighting*. Is-Segretarju ippreżenta Rapport ta' aġġudikazzjoni b'rabta ma' dan it-tender li kien għamel flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv tal-Fgura. Il-membri qablu li l-kuntratt jingħata lil *Nexos Lighting*. Il-Kunsillier Lynch żied illi importanti li l-kontijiet ikunu maqsuma kif xieraq bejn iz-zewg kunsilli.

6.2. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri illi kien hemm bżonn li joħroġu żewġ tenders li huma

6.2.1. Patching and Road Humps Works
6.2.2. Road Markings and Traffic Signs

6.3. Il-Kunsillier Roderick Spiteri xtaq jirrimarka illi fuq it-tender tar-road patching hemm bżonn li fit-tenders ikun hemm b'mod ċar f'kemm ġranet għandu isir ix-xogħol.

6.4. Il-membri qablu li jinħargu dawn iż-żewġ tenders. Il-membri talbu li qabel jinħargu jintbagħtu lil kunsilliera sabiex huma jkunu jistgħu jagħtu l-feedback tagħhom.

6.5. Is-Segretarju informa lil membri illi is-Sur Joseph Stivala m'għadux jahdem mal-Kunsill Lokali Paola fl-iskema ta' l-ETC. Il-membri talbu li drabi oħra il-kunsilliera għandom ikunu infurmati mill-ewwel b'aħbarijiet simili. Dwar il-ħaddiema is-Sindku xtaq iżid li bħalissa qed isir xogħol min ħaddiema ta' l-IPSL fil-ħitan ta' maġenb Vjal Sir Paul Boffa.

## 7. <u>Infurzar dwar abbuż Ambjentali</u>

7.1. Is-Sindku qal illi huwa talab lil Viċi Sindku sabiex jaħdem fuq sistema ta' CCTV sabiex jiġu sorveljati ċertu spazji li s-soltu jintrema l-iskart fihom. Is-Sindku kompla wkoll li wara diskussjonijiet mal-GreenPak ġejna infurmati illi ċertu kunsilli qed isibu diffikultà jimmultaw permezz ta' dawn il-kameras u għaldaqstant ġie ssuġġerit li tinħareġ bi-law li biha l-Kunsill ikun jista' jimmulta lil dawk li jinqabdu jarmu skart f'postijiet pubbliċi bil-

kameras. Il-membri qablu li jintalab parir ta' l-avukat dwar dan. Is-Segretarju informa lil membri illi dan il-proċess jieħu numru ta' żmien.

7.2. Is-Segretarju informa lil membri wkoll illi ġie infurmat illi numru konsiderevoli mit-*telephone boxes* li hawn imxerrda mal-lokalita ser jitneħħew mill-kuntrattur.

7.3. Il-Kunsillier Seychell xtaq iżid illi numru ta' stabbilimenti tal-lokal mhux qed jagħtu kas is-sistemi ta' ġbir ta' skart u qed joħorġu l-iskart tagħhom f'ħinijiet diversi u apparti min hekk hemm numru ta' stabbilimenti ta' l-ikel li mhux qed iħallsu għall-ġbir ta' l-iskart imma qed japprofittaw mil-ġbir ta' skart b'xejn li jagħmel il-Kunsill. Is-Sindku ippropona li isir ftit ħsieb ta' kif wieħed għandu jħares lejn dan is-suġġett u jiġi diskuss f'aktar dettall aktar il-quddiem.

## 8. Ċentru ta' Matul il-Jum għall-Anzjani

8.1. Il-Kunsillier Ivan Bartolo qal li l-maġġoranza tan-nies li joqogħdu f'Raħal ġdid huma anzjani u għalhekk il-ħtieġa ta' ċentru ta' matul il-jum għal-anzjani hija waħda kbira. Għaldaqstant huwa qed jipproponi illi s-sala tal-Kunsill tintuża għal-dan il-għan darba fil-ġimgħa speċjalment fid-dawl li L-Kunsill huwa aċċessibbli ħafna. Is-Sindku qal li sa laqgħa oħra ser iressaq proposta ta' kif din l-inizjattiva tista' issir mill-Kunsill Lokali.

8.2. Hawnhekk il-Kunsillier Spiteri qal li ġie avviċinat mis-Sur Mark Bajada illi qed jahdem fuq proġett ta' Dar ta' l-Anzjani Privata f'Raħal Ġdid, fejn infurmah illi għandu numru ta' siġar fil-ġnien illi irid jagħtihom lil Kunsill Lokali. Il-membri qablu li dawn is-siġar għandom jiġu aċċettati sabiex jinżergħu fil-lokalita. Il-Kunsillier Spiteri kompla billi qal li s-Sur Bajada jixtieq ukoll jiltaqa' mal-Kunsill Lokali sabiex jinforma lil membri x'ser jinvolvi il-proġett u kif l-istess proġett jista' jagħti xi haġa lura lir-residenti anzjani tal-lokalita. Għaldaqstant is-Sindku qal li ser jibgħat għalih sabiex jiddiskuti miegħu dan.

## 9. Komunikazzjoni mis-Sindku

9.1. Is-Sindku xtaq jaqsam mal-membri il-ħsieb tiegħu illi Jum Paola jiġi pospost. Infatti hawnhekk il-Kunsillier Lynch qal li jkun għaqli jekk din titmexxa lejn tmiem Awissu bidu ta' Settembru sabiex ma taħbatx maż-żmien tal-festa. Għaldaqstant il-membri qablu li tinstab data aktar il-quddiem li fiha l-għaqdiet tal-lokal ikunu jistgħu jipparteċipaw aħjar.

9.2. Il-Kunsillier Lynch xtaq iżid ukoll illi ser tiġi organizzata mawra għal Għawdex il-Ħamis 2 ta' Lulju fejn ser isiru wkoll visti interessanti f'Ta Pinu, David's Bakery u Magro Brothers. Is-Sindku żied ukoll li jixtieq li tiġi organizzata attivita għal Jum il-Missier fejn nistgħu inzuru z-zoo ta' Monte Kristo. Il-Membri qablu li jiċċekkja dwar dan il-Kunsillier Lynch.

9.3. Is-Sindku kompla billi qali li flimkien mal-Kunsillier Seychell saru diversi laqgħat ma' l-ELC b'rabta mal-ġonna u s-*soft areas* tal-lokal li għandom bżonn ftit ta' xogħol.

9.4. Il-Viċi Sindku Steven Axisa xtaq jinforma lil mejda li qed jaħdem fuq proġett fejn il-Kunsill Lokali Paola ikun jista' jassisti lil Kunsill Lokali tal-Munxar Għawdex f'applikazzjonijiet marbuta ma' proġetti Ewropej. Kompla wkoll billi qal li ser isir l-ewwel *Strategic Meeting* tal-proġett *Linking the Lines* fl-aħħar ġimgħa ta' Ġunju barra minn Malta. Għal din iż-żjara sejrin is-Sindku u l-Viċi Sindku. Il-Viċi Sindku xtaq jiċċara illi dawn il-visti huma strettament fuq xogħol u bl-ebda mod ma' huma xi vjaġġ jew holiday.

**10. <u>Skeda tal-Pagamenti</u>**

10.1. Il-membri tal-Kunsill Lokali approvaw l-iskeda ta' Pagamenti Nru. 2 għas-somma ta' €120,520.72.

**11. <u>Aġġornament</u>**

11.1. Il-Laqgħa ġiet magħluqa fis-7:00pm u ġiet aġġornata għat-Tlieta 30 ta' Ġunju 2015.

| | |
|---|---|
| Kurt Scerri | Dominic Grima |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |